Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1238/2003

**Mark Pisani**

**vs**

**Antoine Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) hsarat ghall-incident awtomobilistiku ta' l-20 ta' Jannar 2003, fi Triq il-Kosta, Naxxar, u tillikwida d-danni li huma anqas minn elf u hames mitt lira (Lm1,500) u jikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-10 ta' Lulju, 2003 fejn intqal illi l-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna peress illi huwa kien**

**dispost isewwi l-hsarat kagunati fl-incident awtomobilistiku 'de quo' .**
**Illi l-konvenut jirriserva d-dritt li jeccepixxi kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Pisani. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi l-kawza odjerna tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-Triq Tul il-Kosta, Salini fl-20 ta' Jannar 2003 ghal habta ta' 1.15a.m. bejn il-vettura ABG 226 misjuqa mill-attur u l-vettura BAJ 836 misjuqa mill-konvenut. Ghal dan l-incident ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabbilta' izda dwar il-hsarat kagunati u dana kif jirrizulta mill-verbal tat-3 ta' Ottubru, 2003 a fol 17 tal-process.**
**2. Mid-dokumenti esebiti dok A1 sa A7 jirrizulta illi kien hemm spiza ta' tlett mija tmienja u ghoxrin lira u tmenin centezmu (Lm328.80) parts, mija u erbgha liri u tnejn u hamsin centezmu (Lm104.52) parts ohra u labour, mitt lira (Lm100) spray u panel beating, tlett liri (Lm3) road accident report u mitejn u seba' liri (Lm207) ghal panel beating ukoll. In oltre hemm ukoll zewg ircevuti fl-ammonti ta' tnejn u tletin lira u erbghin centezmu (Lm32.40) ghall-parts u tlettax-il lira (Lm13) ukoll ghall-parts. Dawna b'kollox igibu s-somma ta' seba' tmienja u tmenin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm788.72).**
**3. Fil-fatt skond ir-rapport tal-pulizija Dok B a fol 14 sa 16 tal-process hemm imnizzel illi l-vettura ta' l-attur kellha hsara fil-bonnet, bumper, grill, right front mudguard and door, indicator and headlamp. L-istess Surgent fir-rapport jikklasifika d-danni subiti bhala *"slight"*.**
**4. Jirrizulta illi l-attur ikkopera mal-konvenut fis-sens illi hadha ghand wiehed li semmielu l-istess konvenut sabiex isewwi ghandu, hallieha hemm xi xahar u dan ma accettax li jsewwi peress illi l-konvenut ma kienx mar bil-flus. L-attur jispjega li**

**ghalhekk ha l-karozza lura, pprova jikkuntatja lill-konvenut izda ghal xejn u ghalhekk kellu jsewwi. L-attur jirrileva li l-hsara kienet sija fil-body u sija fil-magna.**

**5. It-Tribunal iqis gustifikat il-fatt illi l-attur, kif kellu kull dritt li jaghmel mill-bidu nett, hadha ghand nies li ghazel hu biex isewwi. Ma hemm ebda prova li l-kont kien esagerat u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fl-ammont imsemmi.**

**Ghaldaqstant, peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' tmienja u tmenin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm788.72).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------